MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Numru. 1086/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR JONATHAN FERRIS**

**VS**

**JOSEPH FALZON**
**(ID Nru. 478761M)**

Illum, 12 ta` Frar, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Falzon, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 478761M.

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-gzejjer, f’Lulju, 2012, u fix-xhur ta` qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta` aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija **ARRIVA Malta Limited**.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li fliet l-evidenza medika kollha prodotta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 310 (1) (a), 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Fuq ammissjoni, din il-Qorti issib lill-imputat hati kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tikkundannah sena (1) prigunerija sospizi ghal sentejn (2), kif ukoll tordna lill-imputat ihallas is-somma dovuta lill-kumpanija **ARRIVA Malta Limited** fi zmien sitt (6) xhur mil-llum ai terminu tal-Artikolu 28H tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

# < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------